MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 394/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremettiet :

1. Illi hija u l-intimat CB kienu izzewwgu fit-tlieta u ghoxrin ta' April tas-sena elf disgha mija sitta u sebghin (23.04.1976);
2. Kopja tac-certifikat taz-zwieg hija unita ma dana l-att u markata Dokument 'A';
3. Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Micallef Trigona datat l-ghaxra ta' Novembru tas-sena elf disgha mija tmienja u tmenin (10.11.1988), il-partijiet isseparaw minn xulxin;

4. Kopja awtentikata tal-kuntratt ta' separazzjoni hija unita ma dana l-att u markata document 'B';
5. Illi diga' ghaddew hafna iktar minn erba' (4) snin mis-separazzjoni legali tal-partijiet;
6. Illi jigi dikjarat ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal aktar minn erba' (4) snin kontinwati, fil-fatt ghal iktar minn ghoxrin (20) sena;
7. Illi jigi dikjarat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragunevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin;
8. Illi l-ulied li twieldu minn dan iz-zwieg huma llum ilkoll maggorenni;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tawtorizza lir-rikorrent tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' "Zammit Cutajar";
3. Tordna konsegwentement lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien moghti ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzjament taghha skond l-ewwel zewg talbiet, sabiex isiru d-debiti registrazzjonijiet fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Awissu 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Novembru 1988 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemmx pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' 'Zammit Cutajar' u qeghda tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------